MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Numru. 1327/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**FLORICA NICHOLAI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Florica Nicholai ta' 27 sena, bin Florica u Nicolina xebba Iordache, imwieled Bucharest, Rumania fil-21 ta' Settembru 1985, prezentament jirrisjedi fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-passaport Rumen DP1456289.

Akkuzat talli nhar id-19 ta’ Lulju 2012 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghaxija (23:00hrs) gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed

il-hajja ta' Omar Omar Osman f'periklu car, ikkagunalu offiza ta' natura gravi fuq persuntu, liema offiza gabet debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti gismu.

Akkuzat ukoll talli volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija meta tidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna Omar Omar Osman jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal- artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civili Omar Omar Osman iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-Qorti ghandha tikkunsidra l-possibilita' li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation minhabba l-problema ta' *anger management* u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati simili.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 215, 218, 338(dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Florica Nicholai, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Omar Omar Osman iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut u dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Florica Nicholai taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema ta' *anger management* u inoltre tikkundanna lill-imputat Florica Nicholai ghall-piena ta' tmienja u hamsin Ewro (Ewro 58) ammenda.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din-is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Florica Nicholai.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Florica Nicholai kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Florica Nicholai l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 32A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------